C/2025/2999

27.5.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11985 – KKR / TMUS / USI / RIDGEVIEW / JKT HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2999)

1. Fid-19 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR", USA),

— T-Mobile USA, Inc. ("TMUS", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Deutsche Telekom AG (il-Ġermanja),

— U.S. Internet Corp. ("USI", l-Istati Uniti tal-Amerika), Ridgeview, Inc. ("Ridgeview", l-Istati Uniti tal-Amerika), u JKT Holdings, Inc. ("JKT Holdings", l-Istati Uniti tal-Amerka).

KKR u TMUS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' USI, Ridgeview u JKT Holdings.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— KKR hija hija ditta tal-investiment globali li toffri l-ġestjoni tal-assi alternattivi kif ukoll soluzzjonijiet għas-swieq finanzjarji u tal-assikurazzjoni,

— TMUs hija operatur tat-telekomunikazzjoni mingħajr fili li tagħti kopertura nazzjonali, servizzi tal-vuċi, messaġġi u ta' data fl-Istati Uniti, Puerto Rico u l-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti,

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-USI, Ridgeview u JKT Holdings huma dawn li ġejjin: il-forniment ta' servizzi tal-fibra tal-internet u servizzi ta' kolokazzjoni newtrali għat-trasportaturi fl-Istati Uniti.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11985 – KKR / TMUS / USI / RIDGEVIEW / JKT HOLDINGS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË